MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 187/2013

**Nikola Pejovic**

**vs**

**Romina Desira u**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentat tat-12 ta’ Settembru 2013 li permezz tieghu l-attur appremetta u talab is-segwenti:-

1. “Illi minn relazzjoni li kellu ma' l-intimata Romina Desira twieled tifel fit-8 ta' Settembru 2012 li ghandu l-isem ta' Luca Desira;

2. Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet;

3. Illi mill-att ta' twelid tal-minuri Luca Desira jirrizulta illi fil-kolonna ta "Isem u Kunjom Missier it-Tarbija" gew registrati l-kelmiet "unknown father" ossia "mhux maghruf';

4. Illi ghalkemm l-intimata giet interpellata b'ittra ufficjali datata 17 ta' Mejju 2013, numru 54/2013 kif mitlub skont 1-artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, debitament notifikata lill-intimata, sabiex tipprezenta nota fejn tiddikjara illi qed taqbel mar-registrazzjoni tar-rikorrent bhala l-missier naturali tal-minuri, l-intimata baqghet inadempjenti ghalkemm l-intimata qatt ma cahdet li r-rikorrent huwa missier u sahansitra anke taghtu access sabiex jara lill-istess minuri;

5. Illi r-rikorrent ghandu interess li jirrikonoxxi lill-minuri bhala l-wild naturali tieghu u jixtieq jirregistra dan it-taghrif tieghu;

Ghaldaqstant qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi minuri Luca Desira huwa iben naturali tar-rikorrent Nikola Pejovic billi jekk ikun il-kaz tinnomina espert mediku sabiex isiru t-testijiet genetici appositi sabiex tigi stabbilita l-paternita' tal-minuri;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri Luca Desira jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn l-att hemm referenza ghal konnotati tal-missier il-minuri, l-kliem 'unknown father' jigu sostitwiti bis-segwenti konnotati: "Nikola Pejovic - Passaport Serb numru 007438808 - imwieled Nis (Serbia) fit-2 ta' Lulju 1986 u residenti 309/2, Saint Albert Street, Gzira - iben Dragan Pejovic (haj) u Biljana nee Stojanovic (hajja)".

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Mejju 2013 kontra l-intimati li minn issa ngunti in subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur, Registru Pubbliku li taqra’ hekk:

1. “Illi qed jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri Luca Desira, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors gurarnentat u ghalhekk

huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqghu l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrent, l-esponent jinvita lir-rikorrent Nicola Pejovic sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-eta' tieghu meta twieled il-minuri Luca Desira, (2) il-post tat-twelid tieghu, (3) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (4) isem u kunjom tal-missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled Luca Desira. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit Luca Desira bin-numru ta' registrazzjoni 4272 tas-sena 2012;

3. Illi bla hsara ghal premess, l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri Luca Desira a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. "Illi fl-ewwel 1ok il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju minhabba difett fl-intergrita' tal-gudizzju gej mill-assenza tal-minuri Luca Desira f'dawn il-proceduri u dan billi huwa manifest illi l-imsemmi minuri jipposjedi interess dirett, immedjat u gjuridiku fil-proceduri illi jirrigwardaw 1-istat tieghu.

2. Illi l-esponenti qieghda topponi ghall-ewwel talba tal-attur ghaliex l-indagni dwar il-paternita' tieghu sejjer ikollu effett kontrarju konsiderevoli ghal ahjar interessi tat-tifel minuri illi ma jkunx ragonevoli ghat-tifel minuri.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat illi b'digriet tas-6 ta' Novembru 2013 il-Qorti ordnat il-kjamat in kawza tal-minuri Luca Desira

Rat id-digriet tal-21 ta’ Novembru 2013 li permezz tieghu gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri.

Rat ir-rikors tal-attur tat-3 ta’ Marzu 2014 li jaqra’ hekk:-

“Illi fis-seduta tal-15 ta’ Jannar 2014, l-esponenti rregistra t-talba tieghu sabiex isir it-test tal-paternita fir-rigward tal-minuri Luca Desira;

Illi l-intimata oggezzjonat ghaliex qed topponi ghal din it-taiba in vista tat-tieni eccezzjoni moghtija fir-risposta guramentata taghha;

Illi l-esponenti qieghed jifformalizza t-talba tieghu permezz tar-rikors odjern li qed jigi prezentat ai termini tal-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet tieghu li jistipula illi "F'kawzi li ghalihom jaghmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-qorti tista', minghajr hsara ghal kull prova li jistghu jgibu l-partijiet skont il-ligi, tehtieg lill-partijiet biex jissottomettu ghal ezamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess cirkostanzi" ;

Illi jidher kemm mit-tieni eccezzjoni moghtija mill-intimata fir-risposta guramentata taghha kif ukoll mill-provi gja prodotti mill-esponenti, l-intimata fil-verita qatt ma cahdet li l-esponenti huwa missier it-tarbija;

Illi inoltre l-esponenti jirrileva illi ma jirrizultax li ser ikun hemm hsara ghall-interessi tal-minuri jekk isiru t-testijiet genetici mehtiega u hija ta’ detriment akbar ghall-minuri li tibqa' ma tigix stabbilita l-paternita tal-minuri bir-rizultat li c-certifikat ikun jaqra "father unknown" kif inhu fil-prezent;

Illi a skans tal ripetizzjoni, l-esponenti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fit-12 tal Novembru 2013 (Rik. Nru 7/13/RM) u ghall-insenjament tal-Qorti moghti fl-istess sentenza wara li kkunsidrat l-interessi ahharija tal-minuri x'jiddettaw;

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-provi gja prodotti, titlob lil din l-Onorabbli Qorti in virtu tal-Artikoli 70A (2) u tal-Artikolu 100A tal-Kap 16 tordna lill-intimata biex tissottometti ruhha ghall-ezami tal-paternita flimkien mal-minuri Luca Desira u dana fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss, tinnomina espert tekniku ghal dan il-ghan sabiex jigbor s-sample necessarju minghand 1-intimata kif ukoll minghand il-minuri halli jsiru l-ezamijiet tad-DNA,

tawtorizza lill-espert tekniku jressaq ir-rapport tieghu sabiex ikun jista’ jikkostitwixxi prova f’dawn il-proceduri u taghti dawk l-ordnijiet kollha necessarji inkluz dawk indirizzati fil-konfront tal-kuraturi sabiex isehh dak ordnat mill-Qorti.”

Rat ir-risposta tal-konvenuta tal-24 ta’ Marzu 2014 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

“Illi bis-sahha tar-rikors tieghu fuq imsemmi, l-attur qieghed jitlob illi l-esponenti tigi ordnata sabiex tissottometti ruhha ghall-ezami tal-paternita flimkien mal-minuri Luca Desira; illi dina l-Onorabbli Qorti tinnomina espert tekniku ghal dan il-ghan sabiex jigbor s-sample necessarju minnghand l-esponenti kif ukoll minghand il-minuri halli jsiru l-ezamijiet tad-DNA; u illi dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lill-espert tekniku jghaddi ghar-rapport.

Illi dawn it-talbiet huma opposti ghar-ragunijiet hawn taht imsemmija:

Illi kif jirrizulta mill-atti ta' din il-kawza, l-esponenti eccepiet a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 70A. tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, illi 1-indagni dwar il-paternita tal-minuri sejrin ikollu effett kontrarju konsiderevoli ghal ahjar interessi tal-minuri. Appuntu ghaliex giet imressga din l-eccezzjoni dina l-Onorabbli Qorti kienet, fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2014, ordnat il-gbir tal-provi u stabbiliet ukoll s-sekwenza ta' kif dawn il-provi ghandhom jingiebu. Illi mill-provi illi tressaq eventwalment l-esponenti, sejjer jirrizulta dak imressaq minnha bhala t-tieni (2) eccezzjoni taghha u cioe, illi assolutament mhuwiex fl-interess tal-minuri illi ssir din l-indagni.

Illi permezz tar-rikors odjern tieghu, l-attur qieghed jipprova jevita l-ordnijiet ta' dina l-Onorabbli Qorti u jressaq provi illi ghadu ma wasalx il-hin taghhom.

Ghaldaqstant, l-esponenti allura titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha tastjeni, f’dana l-istadju, milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tal-attur, izda tirriserva li tiddekreta l-istess hekk kif il-provi dwar it-tieni eccezzjoni tal-esponenti fuq imsemmija jigu mressqa u l-istess eccezzjoni tigi deciza.”

Semghat it-trattazzjoni preliminari ta’ dan ir-rikors fl-udjenza tad-9 ta’ April 2014.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ April 2014 li permezz tieghu ordnat li f’dak l-istadju l-konvenuta tressaq il-provi taghha referibilment ghat-tieni eccezzjoni taghha.

Semghat ix-xhieda u ezaminat l-atti.

Rat li r-rikors thalla ghad-decizzjoni ossia’ digriet ai termini tal-Artikolu 70 (5) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat;

**It-Tieni Eccezzjoni tal-konvenuta u r-Rikors tal-attur sabiex isiru t-testijiet tad-DNA**.

M’hemmx kuntrast bejn il-partijiet illi l-minuri Luca Desira huwa effettivament iben l-attur. Dan iddikjaratu l-konvenuta stess fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti. Il-konvenuta pero’ hi tal-fehma illi mhux fl-interess tal-minuri li t-tifel jigi registrat f’isem l-attur. Il-konvenuta hi tal-fehma li jekk dan isehh ser ikun ta’ hsara kbira ghat-tifel. Essenzjalment din hija id-difiza principali tal-konvenuta ghar-rikors guramentat. It-tieni eccezzjoni taghha taqra’ hekk:-

“2. Illi l-esponenti qieghda topponi ghall-ewwel talba tal-attur ghaliex l-indagni dwar il-paternita' tieghu sejjer ikollu effett kontrarju konsiderevoli ghal ahjar interessi tat-tifel minuri illi ma jkunx ragonevoli ghat-tifel minuri.”.

Ghalhekk qed topponi t-talba tal-attur li jsiru t-testijiet tad-DNA.

**Provi**.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-koncepiment tal-minuri ma kienx rizultat ta’ xi ‘one night stand’ jew ta’ xi att vjolenti. Jirrizulta li l-koncepiment tal-minuri kien rizultat ta’ relazzjoni intima ta’ bejn il-partijiet li kienet ukoll tinkludi zmien li fih kienu qed jirrisjedu flimkien.

Fix-xhieda tieghu permezz ta’ affidavit[1] **l-attur** jaghti spjegazzjoni tar-relazzjoni tieghu mal-konvenuta li waslet ghat-twelid tal-minuri li tat lok ghall-kawza odjerna. Jghid hekk:-

[1] Fol. 52

“Me and Romina met first time at a night club in Paceville on 15th January 2011. After that, we exchanged numbers on facebook and on 29th January 2011, two weeks later, we met again on a date in Sliema.

Since that day we started going out together and started a relationship. Romina was working at MSV Company. After she finished from her work, we used to meet up every day at my flat at Sliema. During that period, Romina and myself became very close to each other and we fell in love. Every weekend we used to go out somewhere for a meal or a drink.

During the Summer of 2011, Romina and myself used to meet each other every day; we either went out for a walk and swim at the restaurant called Dixi's Bar in the Sliema Strand. Sometimes we spent time also at Exiles. When the weather used to be bad, we rented out some movies and stayed at my place at Sliema.

At the end of Summer 2011 we decided to go abroad together for a holiday. We chose to go to Rome. We spent a couple of days there. My plan was to propose to Romina to marry me in Rome. I chose Rome because, as they say, all roads lead there and she has similar name to the place we were visiting. We came back to Malta with a stronger relationship and affection towards each other. Soon after holiday together we decided to have a baby and made attempts so that Romina will become pregnant.

Soon after New Years Eve, which we spent together, Romina did a pregnancy test, and it was positive. She was pregnant with my child.

Romina surprised me with this news. I was the happiest man in the world. Together we decided to find a flat and moved to the next step. We found a nice place and on March at 2012 we moved in. That was a happy time for me and Romina. She used to cook for us and do the housework. I helped her a lot during the pregnancy. I also cleaned and washed. From time to time even her mother used to come to clean all over the flat.

During the pregnancy, we used to go together to visit a doctor for ultra sound. I was very happy because the doctor told us that we going to have a boy. I was very happy. I celebrated with Romina and our friends. Then we decide to choose a name for our baby boy. I made several suggestions but finally, together, we decided that our boy will have the name of Luca.

Two months before Luca was born, a football club from my country played here in Malta. We had a problem with our entrance tickets and the Police didn't let us in, and they arrested me together with my friends. At that point, Romina left our flat and went home to her parents. I was very unhappy.

On September 8th, she brought to the world our son Luca. She told me after a couple days that our child was born. As the father, I offered help and to see the child but she refused. It was only after two weeks that I saw for first time my son Luca. I was overjoyed.

Since then, I always call Romina and ask about my son and about her and always offered my help. Once Luca had a problem with his eye, I found a doctor and we went together for the visit. I also accompanied Romina to take our son for injection at policlinic at Gzira. Since then I have only seen my son whenever Romina decides to show him to me. During these few times that I had the opportunity to see my child, I have been overwhelmed with joy.

I have no doubt that Luca Desira is my son. Together Romina and myself had decided to have the child. Romina was in a relationship with me and no other man. She decided to split a couple of months before Luca's birth only because I was arrested before a football match together with a number of my friends when we tried to enter the stadium with tickets we had paid €45 each and we were not let in. I have no criminal record and have never before been arrested.

Romina has always acknowledged me as the father of Luca."

Ix-xhieda tal-attur giet konfermata f'diversi partijiet minnha mit-testimonjanza tax-xhieda Vladimir Kostic, Jasmin Rajkovic, Dragan Pejovic, Marko Ivezic, Zoran Kutlic, Branko Nikolic, Miladin Bajkanovic u Violeta Colic.

Fl-affidavit taghha **l-konvenuta** spjegat illi minn kemm ilu li twieled it-tifel Luca, l-konvenut ma kkontribwixxa xejn u hadet hsieb l-ispejjez kollha tat-trobbija tat-tifel bl-ghajnuna tal-genituri taghha. Hija xhedet li r-relazzjoni taghha mal-konvenut damet mis-sena 2010 sa' Lulju/Awissu 2012. Spjegat illi r-relazzjoni taghhom waqfitha hi stess peress li l-konvenut kien involut fi glieda. Tghid hekk:-

"Illi jiena kelli relazzjoni ma' Nicola Pejovic fis-sena 2010 liema relazzjoni spiccat fix-xhur ta' bejn Lulju u Awwissu 2012 minhabba li kien involut fi glieda gewwa 1-Hibernians Ground in konnessjoni ma' loghba football bejn Valletta FC u FC Partizan fis-17 ta' Lulju 2012.

Illi in konnessjoni ma' din il-glieda gew mehuda proceduri kriminali kontra tieghu u hbieb tieghu li ghadhom pendenti. Skont ma nifhem il-prosekuzzjoni qieghda titlob f'din il-kawza illi Nicola Pejovic jigi deportat mill-pajjiz. Jiena sejra nressaq provi aktar precizi dwar daqshekk.

Nicola Pejovic ma ghandux permess biex jghix Malta u l-permanenza tieghu f'Malta hija marbuta biss ma dawn il-proceduri b' mod illi hekk kif jispiccaw l-istess, Nicola Pejovic jigi estradit minn Malta.

Kemm ilna li hassarna, ahna kellna ftit li xejn kuntatt ma' xulxin.

Illi l-ispejjez kollha tat-tifel minuri, Luca Desira illi twieled fit-8 ta Settembru 2012, thallsu esklussivament minni bl-awzilju tal-ġenituri tieghi fejn ma stajtx inhallas.

Jiena nibza illi kemm-il darba ibni jigi dikjarat wild naturali ta' Nicola Pejovic u 1-istess Nicola Pejovic jigi deportat, it-tifel Luca jkun wild missier illi mhux biss ma jarax izda illi ma jistaghax jara jekk mhux bi strapazz kbir.

Dan huwa stat ta' fatt ta' nkwiet u ugiegh il-qalb kbir ghalija ghaliex nibza fuq 1-effetti hziena illi jista' jkollu fuq it-tifel Luca. Jiena nhoss illi ma ghandi ebda alternattiva hlief illi nressaq dan il-fatt ghall-attenzjoni tal-Qorti u nhalli ghall-Qorti illi tiddeciedi fuq daqshekk."

Il-konvenuta resqet ukoll bhala xhieda lill-**Ispettur Jurgen Vella**[2] illi spjega li huwa l-ufficjal prosekutur fil-kawza penali li hemm pendenti kontra l-attur u ohrajn in konnessjoni mal-incident hdejn il-'futball ground' ta' Paola. L-Ispettur spjega illi peress li l-akkuzi fil-konfront tal-attur igorru piena karcerarja li teccedi s-sena, isegwi illi jekk jinstab hati huwa jigui awtomatikament deportat. Huwa xhed illi dak iz-zmien l-attur kellu impieg gewwa Malta u kellu wkoll familja f'Malta u li l-konvenuta kienet marret tkellmu.

Xehdet ukoll l-**Ispettur Edel Mary Camilleri** fejn spjegat illi l-attur ghandu applikazzjoni ghal permess ta' residenza pendenti, filwaqt li Dr Mariella Grech, direttur tad-Department for Citizenship and Expatriate Affaris, spjegat illi fil-prezent l-attur ghandu l-permess ta' residenza li jigi perjodikament imgedded peress li ghandu l-kawza penali pendenti.

---

[2] Fol. 116

Fl-udjenza tal-14 ta' Lulju 2014 il-Qorti semghat il-kontro-ezami tal-partijiet. Filwaqt li l-attur essenzjalment ikkonferma dak li kien gia' xehed bil-mezz tal-affidavit, il-konvenuta spjegat ir-ragunijiet li skont hi wasluwha sabiex tmur tirregistra t-tarbija bhala b'missier mhux maghruf. Tghid li ghamlet hekk ghaliex hasset li l-attur "kien irresponsabbli u ma kienx kapaci jiehu hsieb tieghi u tat-tifel." Hija kkonfermat illi meta l-attur kien arrestat il-habs fuq l-incident imsemmi aktar qabel hija kienet talbet li tmur tkellem lill-attur il-habs sabiex tara x'inhu jigri. Tikkonferma li lill-attur ma talbitux sabiex jghinha fit-trobbija tat-tifel izda fl-istess hin kien hemm okkazzjonijiet fejn urietu lit-tifel. L-ewwel darba li l-attur ra lit-tifel kien xi gimgha wara t-twelid tieghu, imbaghad rah diversi drabi ohra. Il-konvenuta xhedet ukoll li meta kien wasal il-jum li t-tarbija ser titwieled hija ma kinitx avzat lill-attur.

Bhala spjegazzjoni ghaliex kienet accettat li l-attur jara lit-tifel diversi drabi wara li twieled tghid hekk:

"Ghax ma kinitx facli. Jien xtaqtu jarah lit-tifel la t-tifel tieghu pero' f'dan iz-zmien kollu ma nhossx li huwa kapaci imantnina, ma nhossnix li nista' noqghod fuqu, li nista' mmur nghix mieghu bit-tifel. Ma nhossx li hu responsabbli bizzejjed biex jghinna."

Kompliet tispjega illi lit-tifel laqqatu mal-attur sew qabel kif ukoll wara li giet istitwita l-kawza odjerna u li kienet iddecidiet li lit-tifel ma tlaqqghux aktar ma' missieru meta Luca kellu aktar minn tmien (8) xhur. Meta kienu jiltaqghu biex jara lit-tifel l-attur kien kull darba jghidilha sabiex jigi registrat fuq ic-certifikat tat-twelid izda hi kienet tirrifjuta u kienet tghidlu li ma setghatx tafda fuqu.

Ghad-domanda x'kien l-aktar li jinkwetaha jekk l-attur ikollu kuntatt ma' ibnu tghid hekk:

"Li ma tistax isserrah mohhok fuqu, ma nistax immur ghax-xoghol filghodu u nghid hemm hu. Fuq dak li ghamel ma nhossx li nista' nserrah mohhi ghax jiena m'hinix wahdi, ghandi t-tifel. Kieku jiena wahdi mod imma l-fatt li ghandna tarbija responsabbli tieghu. Jiena nhoss li ghandi nkun ma' xi hadd li nista' nserrah mohhi fuqu u fl-opinjoni tieghi hu sallum m'huwiex minn kif gab ruhu qabel twieled it-tifel."

Ikkonsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**.

Artikolu 70 A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi dan li gej:-

Artikolu 70 A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi dan li gej:-

“Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel -

(a) il-missier jista’ jeħtieġ lill-omm u lit-tifel;

(b) l-omm tista’ teħtieġ lill-missier u lit-tifel;

(ċ) it-tifel jista’ jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u

(d) l-allegat missier naturali jista’ jeħtieġ lir-raġel, lill-omm u lit-tifel,li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-paternità u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.

(2) Meta jsir rikors minn persuna li għandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tissostitwixxi l-kunsens li ma ingħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun.

(3) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiċħad it-talba sakemm il-kjarifika tirriżulta f’effett kontrarju konsiderevoli għall-aħjar interessi tat-tifel minuri, liema effett ma jkunx raġonevoli għal dak it-tifel minuri, ukoll meta wieħed jikkonsidra l-ansjetajiet tal-persuna li għandha d-dritt għall-kjarifika.

(4) Persuna li tkun tat il-kunsens tagħha għal test ġenetiku ta’ paternità u li tkun ipprovdiet kampjun ġenetiku tista’ titlob, li l-persuna li għandha d-dritt għall-kjarifika li jkun sar fuqha test ta’ paternità, tippermetti l-ispezzjon tar-rapport ta’ dak it-test ġenetiku ta’ paternità jew li tipprovdi kopja tiegħu. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiddeċiedi tilwimiet li jinqalgħu minn talba li ssir taħt is-subartikolu (1).

(5) Ir-rikorsi msemmija f’dan l-artikolu għandhom jiġu deċiżi permezz ta’ digrieti, liema digrieti jistgħu jkunu appellabbli skont il-procedura mfissra fl-artikolu 229(2) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.”

Kif rajna l-konvenuta qed isserrah id-difiza taghha ghal din il-kawza billi tinvoka is-sub-inciz 3 tal-Artikolu appena citat:-

*Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiċħad it-talba sakemm il-kjarifika tirriżulta f'effett kontrarju konsiderevoli għall-aħjar interessi tat-tifel minuri, liema effett ma jkunx raġonevoli għal dak it-tifel minuri, ukoll meta wieħed jikkonsidra l-ansjetajiet tal-persuna li għandha d-dritt għall-kjarifika*.

Il-konvenuta qed issostni illi jekk ser jinholoq legam bejn it-tifel u missieru dan ser ikun ta' hsara konsiderevoli ghat-tifel tenut kont tal-fatt illi l-attur jista'jispicca mkecci minn dawn il-Gzejjer una volta l-proceduri penali kontrih jigu konkluzi b'kundanna. Matul din il-kawza l-attur diversi drabi iddikjara l-innocenza tieghu ghall-incidenti mertu tal-kawza penali. Il-htija o meno tieghu ser tigi deciza mill-Qorti ta' kompetenza penali u naturalment din il-Qorti ma ser tesprimi l-ebda hsieb jew gudizzju fir-rigward ta' dak l-incident.

Li hu rilevanti ghad-decizzjoni odjerna huma l-konsegwenzi legali f'kaz li l-attur jinstab hati.

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar tali eventwalita' u x'effett jista' dan ikollu fuq ir-relazzjoni bejn l-attur u ibnu. Wara li qieset dan kollu fid-dawl ta' x'inhu l-ahjar interess tal-minuri tasal ghall-konkluzzjoni illi l-interess suprem tal-minuri jiddetta illi jkun ahjar ghall-minuri li fic-certifikat tat-twelid jitnizzel isem missieru milli jibqa' kif inhu s'issa b'dikjarazzjoni li missieru mhux maghruf. Apparti li f'dan il-kaz, tali dikjarazzjoni ta' "missier mhux maghruf" f'att ufficjali m'ghandhiex mill-verita' stante li anke l-konvenuta stess tirrikonoxxi illi l-minuri huwa iben l-attur, il-possibilta' li l-attur jigi eventwalment deportat minn dawn il-Gzejjer ma jwassalx ghal effett kuntrarju konsiderevoli ghall-interessi tal-minuri meta mqabbel ma dak li qed tippretendi l-konvenuta li thalli lill-minuri bla missier. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-preokkupazzjonijiet espressi mill-konvenuta f'kaz li l-attur jinstab hati fil-proceduri penali pendenti ma' jikkwalifikawx bhala ragunijiet tant gravi li jwasslu ghac-cahda ta' dikjarazzjoni ta' paternita'.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' r-rikors tal-attur ipprezentat fit-3 ta' Marzu 2014 u bis-sahha tal-Artikoli 70A u 100A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta,

1) Tordna li jittiehdu kampjuni ghall-finijiet ta' testijiet xjentifici u genetici minn fuq il-persuna tal-konvenuta Romina Desira, minn fuq il-persuna tal-minuri Luca u minn fuq il-persuna tal-attur Nikola Pejovic.

2) Tinnomina ghal dan il-ghan lil Dr Marisa Cassar, a spejjez provvizorjament tal-attur sabiex (a) televa kampjuni minn fuq it-tlett persuni fuq imsemmija u (b) tipprepara u tipprezenta f'dawn l-atti rapport tad-DNA li mieghu ghandhom jigu annessi kopja ta' dokument ta' identifikazzjoni tal-attur u tal-konvenuta kif ukoll ritratt tal-minuri.

3) Tordna ghalhekk lill-konvenuta sabiex sa mhux aktar tard minn xhar millum tipprovdi kampjun genetiku taghha u tal-minuri lil Dr Marisa Cassar ghall-finijiet tat-testijiet tad-DNA u ghal dan il-ghan tordna sabiex fi zmien l-imsemmi terminu tattendi fil-klinika ta' Dr Marisa Cassar fil-jiem u hinijiet li jigu indikati minn Dr Marisa Cassar. Il-Qorti tawtorizza lill-Avukati tal-partijiet ikunu prezenti ghal dawn l-appuntamenti u ghalhekk tidderiegi lil Dr Cassar sabiex lill-Avukati tal-partijiet tinformhom fi zmien adegwat bl-appuntamenti rilevanti.

4) Tordna li kopja ta' din id-digriet tigi notifikata lil Dr Marisa Cassar u lill-konvenuta a kariku tal-attur u dan bil-mezz tal-purtier jekk hemm bzonn wara l-hinijiet legali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------